QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT DR CLAIRE STAFRACE ZAMMIT B.A., LL.D.

IL-PULIZIJA

(Spettur Doriette Cuschieri)

vs

Emanuel Xerri

Kumpilazzjoni Numru: 319/2017

Illum 27 ta' Novembru, 2023

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi fil-konfront ta' Emanuel Xerri detentur tal-karta tal-identità bin-numru 401874M akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer, f'Gunju 2017 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn hamest elef ewro (€5,000), ghad-detriment ta' **Joseph Farrugia ID 392766M**;

2. U kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn hamest elef euro (€5000) taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu, ghad-detriment ta' Joseph Farrugia ID. 392766M.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina penali tieghu li hija wahda mhux netta;

Rat l-istqarrija tal-imputat illi wara li nghata d-drittijiet kollha skont il-ligi dak iz-zmien inkluz li jkollu access ghal avukat ta' fiducja tieghu qabel l-interrogazzjoni ghazel li jikkomunika ma' Dr Amadeus Cachia[1];

Rat l-atti u l-provi kollha inkluz is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata ghaxra (10) ta' Mejju elfejn u dsatax (2019) li biha elenka l-artikoli tal-Ligi li bihom qed jitlob li tinstab htija kontra l-akkuzat li huma:-

[1] Illi dak iz-zmien tal-interrogazzjoni kien ghadu ma dahalx fis-sehh id-dritt ta' konsulent legali waqt l-interrogazzjoni.

a) Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Fl-artikoli 18 u 308 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Fl-artikoli 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi wara li nqraw l-Artikoli tal-Ligi l-imputat Emanuel Xerri ma kellu l-ebda oggezzjoni li dawn il-proceduri jitkomplew b'mod sommarju.

**Ikkunsidrat**

Semghet ix-xhieda tal-Ispettur Doriette Cuschieri fejn tixhed li kienet irceviet rapport minn Kurt Farrugia mill-Ufficcju tal-Prim Ministru fejn certu Joseph Farrugia rrapurtalu li l-imputat kien qallu li jahdem Kastilja u seta' jsiblu xoghol fil-Freeport bl-ghajnuna tal-istess Kurt Farrugia u ghal dan il-ghan kellu jhallas is-somma ta' ghaxart elef ewro (€10,000). Kurt Farrugia minn dejjem innega li kien jaf lill-imputat u li kien ser jirrappurtah.

Tghid ukoll illi Joseph Farrugia kien qallha li kienet oht il-mara tieghu u cioè Carmen Muscat li kienet semmietlu isem l-imputat fejn din kienet qaltlu li dan kien jahdem bhala messaggier fl-Ufficcju tal-Prim Ministru u li kien lest li jsiblu xoghol. Tghid ukoll illi Farrugia kien stqarr maghha li l-imputat kien talbu CV tieghu flimkien mas-somma ta' tlett elef u hames mitt ewro (€3,500) sabiex jghaddihom lil certu Joe Cassar li skont l-imputat kien jahdem ukoll fl-Ufficcju tal-Prim Ministru. Fil-fatt dawn il-flus gew mghoddija inkontanti lill-imputat minghand l-istess Carmen Muscat. Tghid illi ftit ta' zmien wara l-imputat rega' avvicina lil Carmen Muscat fejn qallha li seta' joffri lil Farrugia xoghol ahjar u dan bhala chief security fil-Freeport u ghal dan il-ghan kellu jhallas is-somma ulterjuri ta' tlett elef u hames mitt ewro (€3,500) fejn din regghet hallsithom lill-imputat inkontanti. Muscat regghet hallset is-somma ta' tlett elef u mitejn ewro (€3,200) lill-imputat peress li kien qalilha li Farrugia kellu jaghmel kors li fil-verità ma kellux ghalfejn jattendi ghalih. Tghid illi l-imputat kien ghadda lil Farrugia uniformi li ma kellha l-ebda logo u sahansitra kien ta lill-istess Farrugia s-somma ta' elf u ghoxrin ewro (€1,020) b'cekk rapprezentanti salarju ta' hmistax. Tghid ukoll illi tul iz-zmien Xerri kien baqa' jghaddilu xi dokumenti fosthom licenzja ta'

Gwardjan Privat u fejn qallu kellu jghaddi ghand certu Paul Fenech li wkoll jahdem fl-ufficcju tal-Prim Ministru u lil Kurt Farrugia nnifsu. Tghid ukoll illi meta kien hemm il-ftuh tal-Parlament fl-24 ta' Gunju 2017 Farrugia mar il-Belt sabiex ikellem lil Kurt Farrugia u dan qallu li ma kien jaf xejn b'dak li kien qed jghidlu u b'hekk sar dan ir-rapport.[2]

Semghet ix-xhieda ta' **Kurt Farrugia** fejn ikkonferma li hu ma kien involut f'xejn f'din il-kwistjoni u li l-anqas biss kien jaf lill-imputat Emanuel Xerri. Jghid illi l-parte civile cempel lil Xerri quddiemu u jghid illi meta kellmu dan instema' mifxul u talbu sabiex ma jmurx ghand il-pulizija.

Semghet ukoll ix-xhieda ta' **Carmen Muscat** illi kkonfermat pjenament dak li kienet xehdet l-Ufficjal Prosekutur fix-xhieda taghha. Inkontroezami hi kkonfermat illi l-flus li thallsu lill-imputat hallsithom kollha hi u li kienet hadithom lura mir-ragel t'ohtha Joseph Farrugia izda mhux mill-imputat.

[2] Dok DC1 et seq – kopja tac-cekk moghti lil Joseph Farrugia u dokumenti ohra bankarji.

Xehed ukoll il-parte civile <u>**Joseph Farrugia**</u> li kkonferma wkoll dak li kienet xehdet l-Ufficjal Prosekutur qablu u zied jghid illi meta l-imputat kien tah l-uniformi hu kien staqsieh ghaliex ma kienx hemm logo u dan kien qallu li dik kienet l-uniformi. Jghid ukoll illi kultant zmien kien icempel lill-imputat fuq il-progress tax-xoghol u dan kien dejjem iwieghdu li kien ser jibda t-Tnejn ta' wara izda dejjem tinqala' problema. Jghid illi darba wahda rcieva ittra miktuba bl-idejn bit-titolu tal-Freeport fejn kienu jghidulu li kien ser jibda xoghol li din l-ittra kienet sussegwentement segwita minn ittra ohra li giet mibghuta bl-idejn u moghtija mill-imputat lill-parte civile. Din l-ittra kienet mibghuta minghand Joe Cassar fejn din kienet tghid li huwa kellu jibda xoghol f'Ottubru però kien hemm cekk ta' elf u ghoxrin ewro (€1,020) u dan rapprezentanti hlas ta' gimaghtejn paga b'lura talli kien hemm posponiment. Ir-raguni tal-posponiment tax-xoghol kien minhabba l-fatt li riedu jiccaraw xi affarijiet hekk kif kien jghidlu l-imputat izda l-parte civile qatt ma sar jaf x'kienu dawn l-affarijiet. Huwa jghid illi kien jikkomunika mal-imputat tramite messaggi fejn fornixxa n-numru tal-imputat li hu 99706869. Jghid illi meta sussegwentement ra li qatt ma kien beda xoghol kien rega' beda jsaqsi lill-imputat u hu tah in-numru ta' certu Paul Fenech bin-numru 99976986 fejn dan

kien jikkomunika mieghu permezz ta' messaggi ghax meta pprova jcempillu dan qatt ma qabdu. Jghid illi ghalkemm kien jikkomunika ma' dan l-individwu xorta wahda ma bediex jahdem sakemm fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar 2017 rcieva messagg minn persuna li qaltlu li jisimha Kurt Farrugia minn fuq numru 99711085 fejn dan tah garanzija li zgur kien ser jibda jahdem. Dawn il-messaggi baqghu ghaddejjin sa Gunju ta' dik is-sena. Kien hemmhekk li mbaghad mar jiltaqa' ma' Kurt Farrugia l-Parlament u nduna li kollox kien ivvintat.[3]

<u>Rita Farrugia</u> u cioè l-mara tal-parte civile kkonfermat il-fatt illi l-imputat kien gab uniformi lir-ragel taghha sabiex jibda jahdem il-Freeport it-Tnejn ta' wara u dan kien ikompli jwieghdu li t-Tnejn ta' wara kien ser jibda xoghol izda dan ix-xoghol qatt ma kien jezisti. Taf li l-imputat kien isemmi lil Kurt Farrugia li kien suppost ser jirrangalu sakemm ma dawn marru l-Belt u ltaqghu mieghu fejn huwa kien qalilhom li ma kien jaf b'xejn u lill-imputat ma kienx jafu.

[3] Dok.JF1 – CV tal-parte civile; Dokument a fol 112 envelop mibghut b'posta registrata bl-indirizz tal-parte civile u miktub l-isem ta' Joe Cassar li allegatament kienet mibghuta minghandu; Dok JF2 ittra li kienet fid-dokument ta' qabel; Dok JF3 – prova tal-pagament ta' EUR1,020; Dok. JF4 – ittra ohra allegatament mibghuta minn Joe Cassar li tinfurmah meta ser jibda jahdem; Dok. JF5 – ittra ohra simili; Dok JF6 – serje ta' messaggi; Dok JF7 – messaggi allegatament ma' Paul Fenech; Dok JF7 – messaggi allegatament ma' Kurt Farrugia; Dok. JF9 – stqarrija ta' Joseph Farrugia; Dok. JF10 – rendikont ta' hlasijiet lill-imputat u xi thallas lura.

Importanti x-xhieda ta' Joseph Saliba minn Jobsplus li kkonferma li l-imputat Emanuel Xerri qatt ma kellu kariga mal-Gvern wisq anqas mal-Ufficcju tal-Prim Ministru u li l-ahhar impjieg tieghu kien fis-sena elfejn u sebgha (2007). Interessanti illi wiehed mill-impjiegi tal-imputat kien ma' kumpanija tas-sigurtà li hi Sterling Security Co. Ltd.[4]

Xhud importanti iehor huwa sabiex jigu vverifikati n-numru kollha ntuzati u li ssemmew mill-parte civile. Marlie Muscat ghan-nom tas-socjetà Melita plc xehdet illi kienet giet inkarigata sabiex taghmel tfittxija fuq numru 99711085 u 99997686 fejn iddikjarat li dawn in-numri ma kellhomx l-identità tal-persuni li juzawhom.

Joanna Attard ghan-nom tal-Malta Freeport ikkonfermat li Joe Cassar u Mark Vella Debono ma kinux jahdmu fid-dipartiment tal-HR u kkonfermat ukoll illi qatt ma kellhom applikazzjoni ghal impjieg f'isem Joseph Farrugia.

Espedito Grech mill-Ufficcju tal-Prim Ministru kkonferma li Joe Cassar u Paul Fenech ma jahdmux fi hdan dan l-ufficcju.

[4] Dok. JS1.

Semghet lil Edward Scerri li jigi hu l-imputat u li huwa l-persuna li mill-kont hareg ic-cekk ta' elf u ghoxrin ewro (€1,020) lill-parte civile izda dan ma riedx jixhed minhabba l-parentela.

Semghet ix-xhieda tal-espert nominat mill-Qorti **Dr Steven Farrugia Sacco** fejn dan kien gie nkarigat sabiex jaghmel estrazzjoni tad-dokument ipprezentat minn Marlie Muscat a fol. 148 tal-process (Dok SFS1).

Finalment espletat l-espert nominata minn din il-Qorti fuq il-kalligrafija u cioè **Dr Juliana Scerri Ferrante** li esebiet rapport immarkat Dok. JSF1 fejn din ikkonkludiet is-segwenti *"L-Espert Grafiku, wara li saret l-analizi u l-ezaminazzjoni komparattiva, tikkonkludi li l-kitba li tinsab a fol 110 sa 120 saret mill-istess awtur u cioe' mill-imputat Emanuel Xerri".*

**Ikkunsidrat**

Illi r-reat principali li bih huwa addebitat l-akkuzat huwa r-reat ta' frodi kkontemplat bl-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

> *"Kull min, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi jaghmel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, jaghmel qligh bi hsara ta' haddiehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn sena sa seba' snin."*

Illi l-gurisprudenza marbuta mar-reat tal-frodi huma llum il-gurnata ben stabbiliti fil-kamp kriminali nostran.

Issa huwa indubitat illi l-agent fi proceduri ta' frodi ghandu juza dak l-apparat estern li titkellem dwaru il-gurisprudenza sabiex isahhah il-fehma fil-menti tal-iffrodat li wasslu biex jaghtih fiducja u jikkoncedielu l-kreditu mitlub. Illi, dwar l-artifizzji ntqal fis-sentenza bl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Charles Zarb**</u> (App. Inferjuri - 1993) illi:

> *"hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma*

*stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 - Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."*

Illi, ukoll, ghar-reati ta' truffa hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali, l-istess Qorti ccitat lill-Imhallef Guzè Flores fejn qal illi -

*"...kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal- falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur.*

*Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene.*

*....Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal- frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo.*

*Illi, għalhekk sabiex jissussisti r-reat tal-frodi hemm bzonn illi jezistu:*

"*I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente.*" (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)

Illi, ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Patrick Spiteri**, deciza fit-22 ta' Ottubru 2004 -

*"L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stessa, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."*

Illi, in oltre, a rigward dak li jikkoncerna t-telf patrimonjali, f'sentenza moghtija mill-Cassazione Taljana (Sez.Un.16.12.1998), gie stabbilit illi –

> *"Il reato di truffa costitusice un delitto istantaneo e di danno che si perfeziona nel momento in cui alla realizazzione della condotta tipica dell'autore abbia fatto seguito la diminutio patrimonii del soggetto passivo: mentre dunque, il requisito dell'ingiusto profitto puo comprendere in se qualisiasi utilita' anche a carattere non strettamente economico, l'elemento del danno deve avere necessariamente contenuto patrimoniale e consistere in una lesione concreta tale da determinare la perdita effetiva del bene."* [5]

Illi din il-gurisprudenza tikkonforta l-Qorti fis-sens illi tikkonferma illi l-atti kollha li ghamel l-imputat sabiex jottjeni dawk il-flus minghand il-parte civile jinkwadraw kollha fir-reat ta' truffa. Dan qed jinghad ghaliex il-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova, oltre mid-dubju dettat mil-ligi li dak kollu li wieghed l-

[5] Enfazi mizjuda

imputat lil Joseph Farrugia kien xejn hlief fantazija. Gie ppruvat illi ma kienx jezisti dan ix-xoghol il-Freeport, ma kienx hemm l-ebda applikazzjoni tal-parte civile mal-istess kumpanija, Kurt Farrugia ma kien jaf b'xejn u l-anqas bl-imputat, l-imputat mhux veru kien jahdem fl-Ufficcju tal-Prim Ministru u l-anqas il-persuni msemmija mill-istess imputat li kienu ser jghinu lill-parte civile fix-xoghol ma kienu jezistu jew jahdmu fejn l-imputat kien qal li kienu jahdmu.

Di piu' gie ppruvat ukoll mill-espert Juliana Scerri Ferrante illi d-dokumenti li suppost kienu mibghuta minn dawn l-ufficjali fantazma, kienu kollha miktuba mill-imputat. Illi dan kollu, marbut mat-testimonjanza tal-parte civile, tal-mara tieghu, kif ukoll ta' Carmen Muscat, johrog bic-car illi dak kollu li wieghed l-imputat kien kollu raggiri sabiex jottjeni l-flus. Illi dawn it-testimonjanzi kollha jikkorroboraw lil xulxin u ghalhekk qed tqishom bhala kredibbli wkoll ghaliex qatt ma gew imgiddba minn xhieda jew provi ohra.

Illi d-difiza fit-trattazzjoni taghha pprovat ixxejjen il-kaz tal-prosekuzzjoni li tallega illi l-flus ma kienx harighom materjalment

Joseph Farrugia u ghalhekk ma kienx hemm dannu materjali. Illi jinghad illi din il-Qorti ma taqbel xejn ma' din il-linja difensjonali u dan ghaliex meta Carment Muscat kienet thallas dawn il-flejjes din kienet taghmilhom ghan-nom tar-ragel t'ohtha u mhux sabiex tiehu xi gwadann ghaliha nnifisha. Illi gie ppruvat illi dawn il-flejjes gew imhallsa lura lilha mill-istess parte civile sussegwentement. Illi d-dannu jista' jkun ukoll f'nuqqas ta' beneficcju bhal meta l-imputat wieghed dan ix-xoghol lill-parte civile li kellu ovvjament itih paga li dan ix-xoghol qatt ma mmaterjalizza. Ghalhekk id-dannu gie ampjament ippruvat kif imnizzel fl-akkuza.

Id-difiza ppruvat ukoll b'mod insodisfacjenti sabiex ixxejjen l-istqarrija tal-imputat billi tghid illi ma ngabitx prova tad-drittijiet li nghataw lill-imputat. Illi però hareg mill-istqarrija tal-imputat li dawn id-drittijiet inghataw fejn saret referenza ghall-Artikolu tal-Ligi u gew spjegati lilu u hu kkonferma dan tant li ghazel li jcempel lil Dr Amadeus Cachia qabel l-interrogazzjoni. Illi hawnhekk l-anqas ma taqbel mad-difiza fejn tghid illi l-prosekuzzjoni kellha tipprova wkoll xi drittijiet inghataw. Illi jekk id-difiza kellha xi oggezzjoni ghal dan ir-rigward kellha tissolleva dan il-punt u kellha tkun hi li tipprova li l-imputat ma fehemx id-drittijiet

moghtija lilu minhabba xi dizabilità jew minhabba li kien vulnerabbli f'dak il-mument.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat huwa akkuzat ukoll bit-tieni (2) akkuza kontemplata taht l-Artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li tistipula s-segwenti:

> *"Kull min japproprja ruhu, billi jdawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar- radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:"*

Illi f'dan l-istadju ssir referenza ghal decizjonijiet nostrani dwar dan ir-reat ta' mizappropjazzjoni senjatament il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza bl-ismijiet **Il-Pulizija v. George Grech** deciza fit-22 ta' April 2009 li ghamlet referenza ghall-awtur Taljan Luigi Maino fejn dan spjega li:

*"Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e ` necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta `, a scopo d' indebito profitto per se ` o per un terzo, il dolo sara ` costituito dalla volontarieta ` della conversione con scienza della sua illegittimita `, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d' un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera ` in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo .... Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e ` (come nel furto e nella truffa) l-animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell' inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l' esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto*

*impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l' operaio che avendo ricevuto materiale prima di lavorare, si rifiuta, perche` non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materiale ricevuta; l' incaricato di esigere l' importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e` costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."*

Illi ghalhekk l-approprazzjoni indebita ma hi xejn hlief abbuz ta' fiducja li permezz tieghu wiehed jirrendi bi profitt ghalih haga li tkun giet konsenjata lilu jew fdata f'idejh b'att liberu u spontanju (vide Il-Pulizija v Joseph Mifsud deciza nhar it-2 ta' Dicembru, 1992 mill-Qorti tal-Appell Kriminali; <u>Il-Pulizija v Joseph Richmond et</u> deciza nhar l-14 ta' Jannar, 1993; <u>Il- Pulizija v Capt. Albert Mallia</u>

deciza nhar il-25 ta' April, 1949 u Il-Pulizija v Emanuel Cassar deciza nhar l-20 ta' Ottubru, 1997).

Illi l-elementi kostituttivi ta' dan ir-reat gew diskussi fil-kawza bl-ismijiet Il-Pulizija vs Joanne Sciberras deciza nhar l-10 ta' Jannar tas-sena 2018 li giet ikkwotata s-sentenza bl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Abela deciza nhar is-6 ta' Lulju tas-sena 2016 fejn intqal illi:

> *"Għar-rigward tar-reat ta' miżappropriazzjoni referenza ssir għas-sentenza fl-ismijiet Il- Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni, fejn il-Qorti elenkat l-elementi ta' dan ir-reat:*
>
> *"Dana r-reat iseħħ meta wieħed (1) jirċievi flus jew xi ħaġa oħra mingħand xi ħadd; (2) bl- obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi ħaġa lura jew li jagħmel użu minnhom b' mod speċifiku; (3) u minflok ma jagħmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oġġett bi profitt għalih jew għal ħaddieħor."*

*...*

*Ir-reat ta' appropjrazzjoni indebita jiddistingwi ruhu mir-reat ta' serq ghax l-oggett li jkun jigi moghti lill-agent volontarjament u mhux jittiehed kontra l-volonta' jew minghajr il-kunsens tad-detentur; u jiddistingwi ruhu wkoll mit-truffa ghax id-detentur tal-haga ma jigix ingannat permezz ta' raggiri jew artifizji biex jitlaq minn idejh dik il-haga favur l-agent.*

*Antolisei jikkumenta illi:*

*"La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell' abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio"."*

Illi f'sentenza ohra mill-Qorti tal-Appell Kriminali bl-ismijiet <u>Il-Pulizija vs Marbeck Cremona</u> deciza nhar il-15 ta' Frar tas-sena 2007 gie rilevat illi:

*"Skond ġurisprudenza kostanti u anke' skond awturi, ġeneralment huwa ritenut li l-estremi ta' dan ir-reat ta' approprjazzjoni indebita huma dawn li ġejjin:*

*1. Illi l-pussess tal-ħaġa jkun ġie trasferit lis- suġġett attiv tar-reat volontarjament mill- proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jiġi speċifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivoċita' , li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lil aġent jew lis-suġġett attiv tad- delitt, trid tkun magħmula* con l' animo di spostarsi del possesso, *għax altrimenti jiffugura mhux ir- reat tal-approprjazzjoni indebita, imma s-serq.*

*2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx ukoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe tal- proprjeta' għaliex f' dan il-każ ma jiffugurax l- element tal-azzjoni indebita.*

3. *Illi l-oġġett irid ikun mobbli.*

4. *Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jagħmel tiegħu l-ħaġa cioe japproprja ruħu minnha, jew ibiegħha, jew jiddistruġġiha* a proprio commodo o vantaggio*;*

*5. Irid ikun hemm ukoll l-intenzjoni tas-suġġett attiv tar-reat li japproprja ruħu mill-oġġett li jkun jaf li huwa ta' ħaddieħor."*

Illi fir-rigward tal-element intenzjonali sabiex tinstab htija f'dan ir-reat l-awtur Taljan Maino jirrileva illi:

*"Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e' necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta' , a scopo d' indebito profitto per se' o per un terzo, il dolo sara' costituito dalla volontarieta' della conversione con scienza della sua illegittimita' , e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d' un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. [...] Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e' (come nel furto e nella truffa) l'*

*animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell' inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l' esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l' operaio che avenda ricevuto materiale prima di lavorare, si rifiuta, perche' non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materiale ricevuta; l' incaricato di esigere l' importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e' costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."*

Illi l-istess hsieb gie enuncjat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza bl-ismijiet <u>**The Police vs Artur Arakelyan**</u> deciza nhar is-17 ta' Lulju tas-sena 2013:

> *"Consequently for the prosecution of the crime to be successful, the author of it must have the specific intention to make use of the object entrusted to him for a specific purpose, as if he were the owner and therefore make use thereof or disposing of the same, at a resultant profit for himself or for others."*

Illi ghalhekk jekk wiehed janalizza l-ligi u l-gurisprudenza hawn fuq citata, wiehed jinduna illi dan ir-reat huwa ferm distint mis-serq u mill-frodi u dan peress illi fil-mizappropjazzjoni r-reat isehh meta wiehed jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd, bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor.

Illi ghalhekk kjarament ir-reat ta' mizappropjazzjoni ma japplikax ghal kaz *de quo* u kwindi ser tillibera lill-imputat fuq it-tieni (2) akkuza.

**Piena**

Illi ghalkemm l-imputat ghandu l-addebitu tar-recidiva, bhala piena mhux ser tinghata wahda ta' habs effettiv u dan in linja mas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali kontra l-istess imputat odjern moghtija mill-Imhallef Neville Camilleri fl-4 ta' Lulju 2023[6] fejn a rigward il-piena ntqal is-segwenti:

> *"Illi dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija fl-20 ta' Dicembru 2022 fl- ismijiet Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed (Numru 386/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:*
>
> *"10. Issa, ghal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa pacifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun*

---

[6] App 4/19NC

*erogat l-ewwel Qorti, irid jirrizultalha li tali piena tkun zbaljata fil-principju jew manifestament eccessiva. [...]*

*11. Mill-banda l-ohra din il-Qorti trid taghmel l-evalwazzjoni taghha dwar jekk il-Qorti tal-Magistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eccessiva meta wieħed jiehu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha."*

*l-Ewwel Qorti qalet hekk: "Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-gravita' tar- reati li taghhom l-imputat qed jinstab hati kif ukoll l-ammont konsiderevoli ta' flus involut u fic-cirkostanzi jidhrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva. Il-Qorti qieset it-tielet u r-raba' imputazzjoni bhala komprizi u nvoluti fl-ewwel imputazzjoni".*

*Illi din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-assiem tal-provi kollha prodotti nkluz l-ammont involut u hadet in konsiderazzjoni wkoll tal-piena li ghandha tinghata skont il-ligi fir-rigward ta' sejbien ta' htija fir-rigward ta' dak li*

*l-appellant gie misjub hati tiegħu mill- Ewwel Qorti. Ghal kull buon fini din il-Qorti tinnota wkoll li minkejja li fis-seduta mizmuma fid-9 ta' Lulju 2020 (a fol. 299) quddiem din il-Qorti diversament preseduta l-appellant talab differiment sabiex minghajr pregudizzju ghall-aggravju tieghu huwa javvicina lill-parte civile bi proposta ta' hlas tal-ammont minnu dovut, permezz ta' Nota pprezentata mill-parte civile fil-11 ta' Settembru 2020 (a fol. 308) din il-Qorti diversament preseduta.*

*Illi filwaqt li din il-Qorti taqbel ma' dak hawn fuq ikkwotat u taghmlu taghha, tinnota li fis-sentenza appellata giet infurmata li l-appellant ma kien ghadu vversa ebda flejjes lilha. Mehud in konsiderazzjoni dan kollu, din il-Qorti tinnota li piena ta' tliet (3) snin priġunerija mhijiex wahda eccessiva u ghaldaqstant din il-piena mhijiex ser tigi varjata."*

Illi ghaldaqstant isegwi illi gialadarba l-fattispeci ta' dan il-kaz huma simili hafna ghal dak ikkwotat hawn fuq anzi l-Qorti zzid illi n-natura tar-raggiri kienu verament studjati sabiex il-parte civile

jemminhom, din il-Qorti ser issegwi l-istess principji ta' piena. Illi gie ampjament ippruvat l-aggravju li johrog mill-Artikolu 310(1)(a) u ghalhekk ser jigi applikat.

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 308, 310(1)(a), u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat Emanuel Xerri hati biss tal-ewwel (1) akkuza u tikkundannah ghal tliet (3) snin prigunerija effettivi filwaqt li tilliberah mit-tieni (2) akkuza fuq nuqqas ta' provi.

Illi di piu' u ai fini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tikkundanna lill-imputat ghal hlas ta' spejjez peritali naxxenti minn dawn il-proceduri li jammontaw ghas-somma ta' disa' mija u tmenin ewro u disgha u erbghin centezmu (€980.49) fi zmien sena (1) mil-lum.

---------------------------------------
**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**